**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 7996/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Kirsten Camilleri**

Illum, 30 ta' Ottubru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti, Kirsten Camilleri, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 291187M, akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-18 ta' Lulju 2023 għall-ħabta ta' bejn 12:30hrs u 13:00hrs ġewwa 124, The Oaks Flats, Triq tas-Sliema, Gzira:

1. Ġabet ruħha b'tali mod li tat fastidju lil Ana Ramadanova, u b'mod li kienet taf jew li messha kienet taf li dak li għamlet kien ta' fastidju għal Ana Ramadanova;
2. Bl-imġieba tagħha, ikkaġunat lil Ana Ramadanova biza' li se tintuza vjolenza kontra tagħha jew kontra l-propjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tagħna;
3. Volontarjament kisret il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju;
4. Insulentat, hedded jew inġurjat bi kliem jew b'mod ieħor lil Ana Ramadanova.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-19 ta' Jannar 2024, fejn il-Qorti lliberat lill-imputata Kirsten Camilleri, detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 291187M mil-ewwel (1) imputazzjoni u wara li rat l-artikoli 53, 251B(1), 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabitha ħatja tat-tieni (2) sar-raba' (4) imputazzjoni, u peress li l-Qorti kienet tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, illiberat lill-ħatja bil-kondizzjoni li ma tagħmel ebda reat matul il-perjodu ta' sentejn (2) li jibda jgħodd mid-data ta' din l-ordni. Finalment, bis-saħħa u ai termini ta` l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta` Malta, u fid-dawl tal-atteġġjament tagħha, kif riżultanti mill-atti, fil-konfront ta' Ana Ramadanova bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta` u għall-protezzjoni ta' Ana Ramadanova, u għaż-żamma tal-ordni pubbliku, l-Qorti għamlet Ordni ta` Protezzjoni fil-konfront tal-ħatja Kirsten Camilleri billi pprojbiet u rrestrinġiet lill-istess Kirsten Camilleri milli tavviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' Ana Ramadanova, u billi pprojbiet lil istess Kirsten Camilleri milli tikkuntattja jew jimmolesta lil Ana Ramadanova, u dana għall-perjodu ta' sentejn (2) li jibda jiddekorri mill-mument li din il-kawża tgħaddi in ġudikat.

Rat ir-rikors tal-appellanti, Kirsten Camilleri, ppreżentat fil-5 ta' Frar 2024, fejn talbet lil din l-Qorti:

1. Tannulla s-sentenza appellata għar-raġuni ndikata fl-ewwel aggravju u terġa' tibgħat l-atti quddiem l-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni u/jew deċizjoni skond il-liġi;
2. Alternattivament tvarja s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn hija ġiet lliberata mill-ewwel imputazzjoni izda tħassarha fil-bqija fejn ġiet misjuba ħatja tat-tielet u r-raba' imputazzjoni, u ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta hija ġiet illiberata bil-kundizzjoni li ma tagħmel ebda reat fi zmien sentejn, kif ukoll tqiegħdet taħt ordni ta' protezzjoni favur Ana Ramadanova għal zmien sentejn ukoll u minflok tiġi lliberata minn kull ħtija u piena;
3. Alternattivament tvarja s-sentenza appellata f'dik il-parti biss li tikkonċerna l-piena u minflok tapplika piena aktar miti, filwaqt li tikkonfermaha fil-bqija.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 16 ta' Mejju 2024.

Rat li nhar is-17 ta' Mejju 2024, l-appellanti rtirat l-ewwel aggravju tagħha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, jibda biex jingħad illi fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2024, l-appellanti irtirat l-ewwel aggravju minnha imqanqal li fih issollevat il-preġudizzjali dwar in-nullita' tas-sentenza appellata. Per konsegwenza il-Qorti tifhem illi anke l-ewwel talba kontenuta fir-rikors ta'l-appell qed tkun irrinunzjata billi hija marbuta ma' dan l-ewwel aggravju. Kwindi l-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri kemm ta'l-ewwel talba kif ukoll tal-ewwel aggravju minnha sollevat fir-rikors ta'l-appell.

Illi fl-uniku aggravju rimanenti l-appellanti ssostni illi mill-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti, is-sejbien ta' ħtija dwar it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet ma kienx wieħed legalment u raġonevolment korrett, u dan għaliex uħud mill-elementi kostituttivi tar-reati in kwistjoni ma kienu bl-ebda mod ippruvati, kif ukoll li s-sejbien ta' ħtija kienet ibbażat fuq apprezzament żbaljat tal-provi akkwiżiti.

Illi, qabel kull konsiderazzjoni oħra dwar dan l-aggravju l-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-mod kif dan l-aggravju huwa espost fir-rikors ta'l-appell huwa kemmxejn konfużjonarju, u għal kollox telegrafiku. Illi mhux biss ir-raġuni li wassal lill-appellanti tkun aggravata bis-sentenza appellata fir-rigward tat-tieni u ir-raba' imputazzjonijiet ma humiex spjegati ċari, iżda ukoll għaliex filwaqt li fl-imsemmi aggravju l-appellanti tilmenta dwar l-apprezzament żbaljat tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti fir-rigward tat-tieni u r-raba' imputazzjonijiet dedotti kontriha, sussegwentement fit-talbiet finali tagħha, hija titlob liberazzjoni mit-tielet u mir-raba'

imputazzjonijiet u ma tagħmel l-ebda aċċenn għall-imputazzjoni numru tnejn, sabiex b'hekk ma hemm ebda talba mill-appellanti sabiex din il-Qorti tirrevoka d-deċiżjoni ta'l-Ewwel Qorti fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija għat-tieni imputazzjoni, għalkemm finalment imbagħad hija titlob sabiex tiġi liberata minn kull ħtija u piena, bil-qorti tifhem allura illi hija qed titlob ir-revoka tas-sentenza appellata fejn din sabet il-ħtija.

Jikkonsegwi illi fid-dawl tal-mod kif hija ippostulata it-talba tal-appellanti, u wara li semgħet is-sottomissjonijiet orali fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2024 fejn huwa evidenti illi l-appellanti ħassitha aggravat mid-deċiżjoni ta'l-Ewwel Qorti fejn din sabet il-ħtija, il-Qorti ser tgħaddi biex tikkonsidra jekk l-Ewwel Qorti setatx legalment u raġjonevolment issib ħtija fl-appellanti għat-tieni sar-raba' imputazzjonijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi minn eżami tal-atti proċesswali jirriżulta li nhar it-18 ta' Lulju 2023, il-parti offiża Ana Ramadanova għamlet rapport lill-pulizija konċernanti insulti u theddid magħmula fil-konfront tagħha mill-appellanti. Mill-*affidavit* redatt minn PC 393 D. Tabone irriżulta li:–

> ***Earlier on that day at around 12:30hrs Ana was entering the block of apartments when a certain Camilleri, Kirsten – ID Card: 0291187M came running after her and entered the common area. PFR explained that Kirsten was still following her even as she went into the lift to go up to her apartment. After Ana got out of the lift, Kirsten started shouting at Ana "Fucking bitch" and she also explained that she said this more than once. Ana told Kirsten "this is why you go to Court" and Kirsten said "I know I like going to Court". Ana explained that this happened infront of two kids and that this incident happened more than once in the same week.***

Illi, mill-istess *affidavit* redatt minn PC 393 D. Tabone jirriżulta ukoll li sussegwenti għal dana r-rapport, l-appellanti kienet ġiet mitkellma wara li ngħatat id-drittijiet tagħha skond il-liġi:–

> ***When asked regarding the report she stated that when she entered the common area of the apartments, Ana shouted and pushed Kirsten's son Jake Fenech and Kirsten responded to her "leave my son alone because I'm going to the Police and you are not supposed to talk to me" to which Ana responded "Go out of this apartment or my boyfriend will stab you with a knife because he already***

> ***did the same in Serbia". When asked regarding the words "Fucking bitch" she stated that she had said nothing of the sort and they just entered their respective apartments.***

Illi, ukoll, mill-*affidavit* redatt minn PC 2431 S. Farrugia, jirrizulta li nhar il-11 ta' Lulju 2023, il-parti offiża ukoll ġiet mitkellma mill-Pulizija u dana wara li ngħatat id-drittijiet tagħha skond il-liġi -

> ***When Ana was asked if she said the words "Go out of this apartment or my boyfriend will stab you with a knife because he already did the same in Serbia", she stated multiple times that she didn't in fact say those words. She added "That is not true at all".***

Illi, il-parti offiża xehdet ukoll *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti fejn stqarret li nhar it-18 ta' Lulju 2023 hija kienet sejra lura d-dar tagħha ġewwa l-Gzira għal ħabta tan-nofs-siegħa/s-siegħa ta' wara nofsinhar u meta daħlet fil-*lift*, daħlet ukoll l-appellanti flimkien maz-zewġt itfal tagħha, għalkemm l-istess kienet tgħix fl-ewwel sular u għalhekk ma kelliex bzonn titla' fil-*lift*. Il-parte ċivile kompliet tgħid li "**Jien ħriġt niġri mill-lift għax hi bdiet theddidni. Bdiet tgħidli fucking bitch u jien għidtilha li anke għal din ir-raġuni se tmur il-Qorti u qaltli li trid tmur il-Qorti. Dan kollu ġara quddiem it-tifel tagħha u tifla oħra li mhix it-tifla tas-Sinjura**". Tispjega li wara dan ħarġet mill-*lift* għaliex kienet qed tibza' mill-appellanti.

Illi, minn naħa l-oħra, l-appellanti tagħti verzjoni kompletament opposta meta tixhed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti. Hija xehdet li dan l-inkwiet kollu kien konsegwenza ta' messaġġi li l-parti offiża bagħtet lir-raġel tagħha (tal-appellanti) fejn akkużatha li kienet qed tiltaqa' ma' rġiel oħra. Tgħid li peress li kienet vittma ta' vjolenza domestika, il-gideb li qalet Ramadanova fuqha kien ġabilha ħafna aktar inkwiet. Kompliet tispjega li meta rritornat lura d-dar mill-baħar nhar it-18 ta' Lulju, il-parti offiża waslet dak il-ħin ukoll bil-mutur tagħha, u kif daħlet indiriżżat lit-tifel tagħha, li jibża' ħafna minnha. L-appellanti tkompli tixhed li "**...jekk jien għidtilha bitch hi qaltli bitch. Jekk jien għidtilha hekk, hi qaltli hekk lura. Ara taħseb li veru tibza' minni**". Tkompli tgħid – "**...Qbadt dħalt fil-lift, qbadt għafast in-number u mbagħad hi ġiet u qaltli li ser nerġgħu niġu bil-Qorti. Għidtilha 'Għamel li trid. Mhux għamel li trid'. Jien dħalt fil-lift u għafast in-no. 1. Pero' hi taf x'qaltli? Li l-għarus**

**tagħha se jagħtini daqqa ta' sikkina. Hekk qaltli. L-għarus tagħha ġol-pajjiz tiegħu ta daqqa ta' sikkina lil xi ħadd. Ehe hekk qaltli u l-ħin kollu tiġi fejn naħdem jien"**. Illi wara din ix-xiehda kien sar ukoll konfront bejn l-appellanti u l-parti offiża fejn din tal-aħħar innegat li kienet qalet dan il-kliem ta' theddid lill-appellanti, kif innegat ukoll li dakinhar tal-inċident kienet liebsa *crash helmet* u kienet laqtet lit-tifel tal-istess appellanti kif ġie allegat minnha.

Illi finalment il-Prosekuzzjoni eżebit tlett rapporti magħmula mill-parti offiża u s-sieħeb tagħha kontra l-appellanti u is-sieħeb tagħha Ramon Fenech fejn ilmentaw mill-aġir intimatodrju ta' dawn it-tnejn minn nies fil-konfront tagħhom[1].

**Ikkunsidrat:**

**L-Artikolu 251 B tal-Kodiċi Kriminali**

Illi, l-ewwel imputazzjoni li dwarha nstabet il-ħtija tikkonċerna ir-reat maħsub fl-Artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali fejn hemm dispost illi:–

**(1) Persuna li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tkun ħatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet, u tista' teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sena sa sentejn jew multa ta' mhux inqas minn sitt elef u ħames mitt euro (€6,500) u mhux iżjed minn ħmistax-il elf euro (€15,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.**

**(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-persuna li l-imġieba tagħha tkun waħda dubjuża jmissha tkun taf li tkun se tikkaġuna biża' f'ħaddieħor li ser tintuża vjolenza kontrih f'xi okkażjoni jekk persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku taħseb li dik l-imġieba tkun ser tikkaġuna biża' fil-persuna l-oħra f'dik l-okkażjoni.**

**(3) Persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li:**
**(a) l-imġieba tagħha kienet adottata fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 251A(3)(a) jew (b); jew**
**(b) l-imġieba adottata kienet waħda raġonevoli għall-ħarsien tagħha nnifisha jew ta' ħaddieħor jew għall-ħarsien tal-proprjetà tagħha jew ta' ħaddieħor.**

[1] Dokument AR1 sa AR 3 a fol.15 et seq tal-atti.

Illi, minn aspett ġurisprudenzjali, għal dak li jirrigwarda l-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Raymond Coleiro", din il-Qorti, diversament ippreseduta, irriteniet is-segwenti:

> **Biex ikun hemm htija taht l-artikolu 251B irid ikun hemm a course of conduct kif juri l-kliem "lil xi haddiehor hekk jibza' kull darba minn dawk l-okkazjonijiet". Jista' jkun hemm aktar minn okkazjoni waħda fl-istess jum u ghalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta wahda.**[2]
>
> **'Dan kollu – u cioe` dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk:**
> ***"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."***
>
> **L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: *"A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Il-kliem "*on each of those occasions*" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "*on at least two occasions*". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem *"on at least two occasions thallew barra"*. Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008:**
> ***'How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those***

[2] Deċiża fis-7 ta' Marzu 2012 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede inferjuri) ppreseduta mill-Imħallef David Scicluna, Ref. 205/11.

> ***intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…'***

Illi, stabbilit dan l-insenjament ġurisprudenzjali huwa evidenti allura illi jrid ikun hemm prova dwar rettroxena fejn f'aktar minn okkażjoni waħda l-parti offiża tibża' illi hi jew il-familjari jew il-proprjeta' tagħha jistgħu jsofru vjolenza minn taħt idejn l-awtur tar-reat u dan minħabba l-komportament tiegħu/tagħha, liema imġieba, madanakollu ma tistax tkun waħda kif imfassal fis-sub-inċiż 3 hawn fuq iċċitat. Ukoll, il-biża ta' vjolenza hekk kif kkontemplata fl-Artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali ma tirreferix unikament għall-vjolenza fiżika, iżda ukoll għal dik morali kif ukoll huwa evidenti li l-istess vjolenza kkontemplata hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun ġiet kommessa.

Illi, jibda' billi jingħad li l-akkuża *de quo* hija marbuta ma' data u ħin partikolari, u ċioe' nhar it-18 ta' Lulju 2023 għall-ħabta ta' bejn 12:30hrs u 13:00hrs. Dan ma jeradikax mill-fatt illi bl-imġieba inkriminatorja kommessa f'dan il-jum ma jistax jitwieled ir-reat maħsub fl-artikolu 251B u dan għaliex dan l-episodju jkun seħħ wara l'hekk imsejjaħ "*course of conduct*" mill-ġudikabbli li f'kull waħda mill-okkażżjonijiet fejn din l-imġieba kienet manifestata nissel allura il-biża' fil-vittma tiegħu/tagħha li ser tintuża xi vjolenza fil-konfront tiegħu/ tagħha konsegwenza ta' aġir ripetut intimidatorju.

Illi huwa indubitat illi mingħajr provokazzjoni l-appellanti daħħlet fil-*lift* flimkien mal-parti offiża u offendietha bil-kliem. Illi dan ma kienx l-ewwel episodju fejn l-appellanti kienet wriet imġieba aggressiva, tant hu hekk li mal-pulizija il-parti offiża kienet ressqet iktar minn rapport wieħed, u anke kienu ttieħdu proċeduri kriminali kontra l-appellanti, sabiex b'hekk jirriżulta 'l hekk imsejjaħ *course of conduct* fejn l-appellanti f'iktar minn okkazzjoni waħda eżebit imġieba li ikkaġunat biża fil-konfront tal-appellanti, sabiex b'hekk l-att materjali jirriżulta ippruvat. Illi l-Qorti ma tara li għandha ebda mottiv sabiex tiskossa l-apprezzament magħmul mill-Ewwel Qorti, iktar u iktar meta din kellha l-opportunita' tisma' liż-żewġ partijiet jixhdu quddiemha u allura setgħat tosserva il-komportament tagħhom fuq il-pedana tax-xhieda. Illi minn

naħa tagħha l-appellanti ma tressaq ebda prova sal-grad minnha mistenni li jiġġustifika l-imġieba tagħha u li allura r-reazzjoni tagħha kienet xprunata minn xi waħda miċ-ċirkostanzi esklużjonarji ravviżati fis-sub-inċiż 3 għall-artikolu 251B. Għaldaqstant għal dawn il-motivi is-sejbien ta' ħtija għal dan ir-reat qed ikun ikkonfermat.

**L-Artikoli 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali**

Illi, it-tielet imputazzjoni jikkonċerna ir-reat kontravenzjonali mfassal fl-Artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali u ċioe' tal-ksur volontarju tal-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Illi:

> **"Ghall-fini tar-reat tal-ksur ta' l-ordni pubbliku mhux bizzejjed il-livell u l-ghajjat li jiddisturba lic-cittadin fl-okkupazzjoni ordinarja tieghu. Jehtieg li jkun hemm apprensjoni jew allarm fil-pubbliku[3]."**

Mill-provi prodotti, ma jirrizultax li dan kien il-każ fejn seħħ alarm pubbliku bl-inċident iseħħ interament fil-partijiet komuni f'blokka ta' appartamenti fejn ma jidhirx li kien hemm xi persuni oħra preżenti, għajr għall-ulied minuri tal-appellanti. Għaldaqstant, l-elementi ta' dan ir-reat kontravvenzjonali ma jirriżultawx ppruvati u l-Ewwel Qorti f'din l-istanza malament sabet ħtija fl-appellanti.

Illi, mbagħad fir-rigward tar-reat kontravenzjonali maħsub fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali huwa ħati ta' din il-kontravvenzjoni kontra l-persuna, kull min jagħmel lil ħaddieħor inġurji jew theddid jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni. Illi:-

> **"Biex ikun hemm ir-reat ta' ingurja skond l-Artikolu 252, il-kliem (jew gesti, kitba, ecc., skond il-kaz) ingurjuzi iridu jkunu gew komunikati, direttament jew indirettament, lil terza persuna – imqar terza persuna wahda – ghax b'hekk biss jista' jitwettaq il-hsieb li jkollu l-agent li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-persuna ingurjata ("with the object of destroying or damaging the reputation of any person", fit-test Ingliz). Kliem, gesti, kitba jew disinji**

[3] App. Inf. 20 ta' Mejju 1993, fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Vincent Petroni

> **ingurjuzi li jigu ndirizzati mill-agent lill-persuna li jkun qed joffendi izda li jibqghu bejniethom it-tnejn huma puniti bhala kontravvenzjoni skond il-paragrafu (e) ta' l-Artikolu 339(1) tal-Kodici Kriminali.[4]"**

Illi, mill-provi prodotti ma jirriżultax li l-appellanti b'xi mod jew ieħor qalet xi kliem ta' theddid fil-konfront tal-parti offiża għalkemm huwa inkontestat illi hija indiriżżataha bil-kliem "*fucking bitch*" sabiex b'hekk tirriżulta l-inġurja kontemplata fil-liġi u kwindi dan ir-reat kontravvezjonali huwa ippruvat anke *ex admissis*.

**L-addebitu tar-reċediva**

Illi, fis-sentenza appellata, kien hekk deċiż fir-rigward ta' dan l-addebitu:

> **"Il-Qorti wara li rat is-sentenza ta' nhar l-20 ta' Ġunju 2023 ta' din il-Qorti kif preseduta, ai fini tat-talba tal-prosekuzzjoni taħt l-artikolu 53 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, se tkun qed titratta mal-imputata bħala reċediva."**

Illi, il-Prosekuzzjoni eżebit l-atti tal-kawża fejn b'sentenza mogħtija fil-konfront ta'l-appellanti mogħtija nhar l-20 ta' Ġunju 2023 hija kienet ikkundannata il-piena taċ-ċanfira jew twiddiba. Huwa ndubitat li din is-sentenza għaddiet in ġudikat u dan għaliex mill-inkartament eżebit ma jidhirx illi kienu intavolati xi proċeduri għal reviżjoni ta' din is-sentenza. Kwindi dan l-addebitu ukoll jirriżulta ppruvat.

Illi fir-rigward tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti din mhux biss ma kenitx waħda eċċessiva, iżda kienet alternattiva għall-inkarċerazzjoni, bl-Ewwel Qorti tgħaddi biex tapplika favur l-appellanti d-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, għalkemm il-Qorti ser tirriduċi il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata, u dan ukoll sabiex jittieħed in konsiderazzjoni l-fatt illi ser tgħaddi biex tillibera lill-appellanti mit-tielet imputazzjoni.

Illi, fl-aħħarnett, għalkemm ma hemm ebda aggravju fir-rigward il-ħruġ tal-Ordni ta' Protezzjoni fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali, din il-Qorti f'diversi okkazzjonijiet saħħqet illi dan l-artikolu tal-liġi jsib applikazzjoni biss *pendente lite*. Dan għaliex tali Ordni jista' jinħareġ biss fil-konfront ta' persuna "*akkuzata*" u mhux

[4] App. Inf 30 ta' Ġunju 2026, fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Lee Borg"

ukoll kontra l-persuna misjuba *"ħatja"*. Il-Qorti għandha s-setgħa biss illi mad-deċizjoni finali tagħha tordna il-ħruġ ta' Ordni ta' Trazzin ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk l-Ordni maħruġa fit-termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali ma setatx isib applikazzjoni f'dan il-każ u filfatt dan l-Ordni ser jiġi revokat.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel talba kontenuta fir-rikors ta' l-appell, tilqa', *in parte*, il-kumplament ta' l-appell, tgħaddi għalhekk sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi: –**

**(i) Tikkonfermaha fil-parti fejn illiberat lill-appellanti Kirsten Camilleri mill-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha; u**

**(ii) Tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellanti Kirsten Camilleri ħatja tat-tieni u r-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha, u fejn kienet misjuba ħatja ukoll tal-addebitu tar-reċediva; iżda**

**(iii) Tirrevokaha fil-parti fejn sabet lill-appellanti ħatja tat-tielet imputazzjonijiet u minflok tgħaddi sabiex tilliberaha mill-istess; u**

**(iv) Tikkonfermaha fejn kienu applikati favur tagħha id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, madanakollu il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata għandu jkun għal sena u mhux sentejn; u**

**(v) Tirrevokaha f'dik il-parti fejn ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni, ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali u minflok tordna il-ħrug ta' Ordni ta' Trazzin għall-protezzjoni ta' Ana Ramadanova, għal zmien ta' sena mid-data ta' din is-sentenza, u dan ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**